



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0116

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: il-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2026 dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar (COM(2025)0140 - C10-0060/2025 - 2025/0073(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0140),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0060/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Komitat għall-Baġits,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2025¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni tat-3 ta' Lulju 2025²,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura

¹ ĠU C, C/2025/4217, 20.8.2025,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/4217/oj>.

² ĠU C, C/2025/4419, 29.8.2025,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/4419/oj>.

tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-11 ta' Marzu 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0251/2025),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0073

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-28 ta' April 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/1139.)